# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2011/345/PESK

## tas-16 ta' Ġunju 2011

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

fid-dawl tal-iżviluppi fil-Libja, il-listi ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi mniżżla fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK għandhom jiġu emendati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-entrata għall-persuna mniżżla fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandha tithassar mil-listi li jinsabu fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

---

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 53.

*ANNESS I*

**Persuna msemmija fl-Artikolu 1**

14. ZARTI, Mustafa.